**PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. CHRISTIAN FALZON SCERRI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 16 ta' Settembru, 2022**

**Rikors Maħluf Nru: 1249/2011**

***PAUL FENECH***

***VS.***

***CARMEL CORTIS***

**Il-Qorti**:

1. Din hija sentenza finali dwar it-talbiet kollha magħmula mill-attur Paul Fenech: (i) sabiex jikseb dikjarazzjoni li l-ftehim oriġinali ta' appalt li kien hemm bejnu u bejn il-konvenut Carmel Cortis ġie mitmum minħabba azzjoni li ħa l-konvenut stess; u (ii) sabiex huwa jitħallas mill-konvenut għall-valur tax-xogħol minnu maħdum u għall-ispejjeż l-oħra li nefaq għall-benefiċċju tal-konvenut fi flus kontanti minflok f'ġid immobbli;

***Daħla***

2. B'rikors maħluf imressaq fis-**16 ta' Diċembru, 2011**, l-attur fisser li hu u l-konvenut kienu daħlu fi ftehim bejniethom fejn il-konvenut wiegħed li jgħaddi lill-attur tliet

proprjetajiet immobbli, filwaqt li l-attur wiegħed li kien sejjer jikkumpensah ta' dan billi jagħmillu xogħol tal-injam;

3. Skont l-attur dan il-ftehim beda jiġi mwettaq tant li huwa kien għamel xi xogħlijiet tal-injam lill-konvenut, filwaqt li l-konvenut kien għaddielu tnejn mit-tliet proprjetajiet li kien wiegħdu, jiġifieri *penthouse* u garaxx fil-Mosta. L-attur saħaq li l-ħanut bin-numru 32, bl-isem *Kalabardi Shop*, li jinsab fi Triq il-Qroll, Buġibba, San Pawl il-Baħar, kien ġie wkoll imwiegħed lilu mill-konvenut, tant li dan kien għaddielu l-pussess effettiv tiegħu u tah il-kunsens tiegħu biex huwa jkun jista' jikrieh lil terzi. Huwa qal li fil-fatt huwa kien għamel numru ta' spejjeż fih sabiex dan ikun jista' jiġi mikri u użat bħala ħanut;

4. L-attur tenna li huwa kien laħaq lesta xogħol tal-injam lill-konvenut li jlaħħaq mal-valur ta' €51,794.35. Żied jgħid li l-ħanut ta' San Pawl il-Baħar kien jiswa €62,893, u għalhekk huwa kien fadallu jaħdem xogħol lill-konvenut bil-valur ta' €11,099 sabiex dan tal-aħħar ikun obbligat li jgħaddilu l-ħanut ta' San Pawl il-Baħar. Żied jgħid li l-konvenut iżda kien temm l-appalt u kiseb mandat ta' żgumbrament kontrih sabiex iġiegħlu joħroġ minn dan il-ħanut;

5. Huwa spjega li ladarba huwa ma kienx sejjer jiġi mħallas billi jiġi mgħoddi lilu l-ħanut ta' San Pawl il-Baħar, huwa kien għad fadallu jitħallas l-ammont totali ta' €51,794.35 għax-xogħol li kien wettaq lill-konvenut. Fisser ukoll li l-konvenut kien ċaħad li huwa kellu jgħaddilu xi flus għax skont dan tal-aħħar, l-attur kien diġà tħallas mingħandu permezz tat-trasferiment taż-żewġ proprjetajiet fil-Mosta;

6. Għalhekk huwa qal li ma kellu l-ebda għażla, ħlief li jiftaħ din il-kawża fejn talab lill-qorti sabiex:

> *«1. Tiddikjara li l-ftehim oriġinali ta' tpartit bejn trasferiment ta' proprjetà min-naħa u xogħol tal-injam min-naħa l-oħra kontrattat bejn il-kontendenti ġie tterminat fuq azzjoni li ħa l-konvenut stess;*

*2. Tiddikjara kwindi li l-attur huwa intitolat li jitħallas għall-valur ta' xogħol maħdum u spejjeż oħra maħruġa minnu a benefiċċju tal-konvenut fi flus kontanti minflok in kind;*

*3. Tiddikjara kwindi li l-konvenut huwa debitur tal-attur f'dak l-ammont li għandu jiġi likwidat minn din l-istess Qorti għar-raġunijiet fuq premessi;*

*4. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attur dak l-ammont hekk likwidat mill-Qorti;*

*Bl-ispejjeż inklużi dawk tal-mandat ta' sekwestru datat 18 ta' Novembru 2011 u bl-imgħax legali kontra l-konvenut minn issa inġunt biex jidher personalment għas-subizzjoni.»*

7. Il-konvenut Carmel Cortis ippreżenta t-tweġiba maħlufa tiegħu fil-**25 ta' Jannar, 2012**, u fiha huwa ressaq dawn l-eċċezzjonijiet:

*«1. Preliminarjament l-attur ma kellu l-ebda dritt li jipproponi din l-azzjoni qabel ma huwa jħallas l-ispejjeż u d-drittijiet ġudizzjarji li huwa ġie kkundannat li jħallas f'diversi proċeduri ġudizzjarji li huwa kellu mal-eċċipjent;*

*2. Preliminarjament ukoll, in-nullità tar-Rikors Ġuramentat promotur stante illi hemm konfużjoni t'azzjonijiet, premessi inutili u li t-talbiet attriċi bl-ebda mod ma jsegwu minnhom u b'mod ġenerali l-azzjoni u t-talbiet huma nebolużi u konfużjonarji b'tali mod illi din l-Onorabbli Qorti ma tistax għajr tikkommina s-sanzjoni tan-nullità;*

*3. Preliminarjament ukoll, it-tieni sar-raba' talba bl-ebda mod ma jsegwu mill-ewwel talba u minn dal-fatt ukoll tirriżulta l-konfużjoni ta' azzjonijiet illi jwasslu għan-nullità tal-azzjoni interposta mill-attur;*

*4. Illi sussidjarjament, u bla ebda preġudizzju għas-suespost, il-konvenut kellu kull dritt li jittermina l-appalti lilu mogħtija stante li l-attur kien tardiv ħafna fl-eżekuzzjoni tal-appalti lilu mogħtija u bl-inadempjenza tiegħu kkawża danni inġenti lill-istess eċċipjent;*

*5. Illi, ukoll, l-appalti mogħtija lill-attur ma ngħatawx mill-eċċipjent waħdu iżda wkoll minn oħrajn u għalhekk qed titqajjem ukoll l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju;*

*6. Illi l-eċċipjent m'għandu jagħti assolutament xejn lill-attur la bħala ħlas għall-appalti lilu mogħtija u lanqas in linea ta' danni kif qed jippretendi l-attur u għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż. Oltre dan jiġi rilevat illi mhuwiex minnu illi l-attur mingħand*

*il-konvenut ħa biss 'penthouse' u garage wieħed f'Main Street, Mosta iżda effettivament ħa tliet garaxxijiet mill-istess korp ta' bini f'Main Street, Mosta (tnejn fuq level 1 u wieħed fuq level 2) iżda żewġ garaxxijiet minnhom dawwarhom direttament fuq terzi, u dan kif se jiġi ampjament pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża;*

*7. Illi t-talbiet attriċi huma kompletament infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż;*

*8. Illi dan kollu qed jingħad bla ebda preġudizzju għal kull eċċezzjoni oħra li tista' titqajjem bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti u b'riżerva ta' kull azzjoni oħra spettanti lill-eċċipjent kontra l-attur skont il-liġi.»*

8. Il-partijiet għalqu l-provi kollha tagħhom fis-seduta tal-**25 ta' Frar, 2022**;

9. L-attur Fenech ressaq is-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub fil-21 ta' April, 2022 (ara paġni 658 sa 669 tal-atti tal-kawża), filwaqt li l-konvenut Cortis ressaq is-sottomissjonijiet bil-miktub tiegħu fit-28 ta' Ġunju, 2022 (ara paġni 670 sa 685 tal-atti tal-kawża);

10. Din il-qorti wara li ħadet qies tal-provi u tas-sottomissjonijiet kollha mressqa f'din il-kawża, issa tinsab f'qagħda li tgħaddi għal din is-sentenza;

***Fatti***

11. Kemm l-attur Paul Fenech u kif ukoll il-konvenut Carmel Cortis jaħdmu fin-negozju. Paul Fenech jaħdem bħala mastrudaxxa, filwaqt li Carmel Cortis jaħdem fil-qasam tal-bini. Hemm qbil bejn iż-żewġ partijiet li t-tnejn li huma ħadmu flimkien għadd ta' drabi fil-passat, billi l-attur kien iwettaq lill-konvenut xogħol tal-injam, filwaqt li l-konvenut kien iħallsu billi jgħaddilu ġid immobbli;

12. Bejn is-snin 2008 u 2010, il-konvenut Cortis kien qiegħed jaħdem fuq biċċa xogħol ta' bini ta' postijiet, bi sħab flimkien ma' terzi, f'Birguma fin-Naxxar. Min-naħa tiegħu l-konvenut Cortis kien ħa ħsieb it-tlestija ta' dan il-bini u kien qabbad lill-attur Paul Fenech biex jaħdimlu xi xogħol tal-injam;

13. Jidher li hemm qbil bejn il-partijiet li, hekk kif kienu għamlu diversi drabi qabel, l-attur Paul Fenech kellu jitħallas għal dan ix-xogħol tal-injam permezz ta' tpartit ta' ġid immobbli. Madankollu, huwa ċar li m'hemmx qbil bejniethom dwar kemm kien il-valur totali tax-xogħlijiet u tal-ispejjeż li l-attur Paul Fenech wettaq lill-konvenut Carmel Cortis;

14. Skont l-attur Paul Fenech, hu u l-konvenut Cortis kienu daħlu fi ftehim bil-miktub (ara paġna 5 tal-atti tal-kawża) fejn kien intlaħaq qbil li l-attur kellu jwettaq lil Cortis ċertu ammont ta' xogħol tal-injam li jlaħħaq mal-valur ta' tliet proprjetajiet: (i) *penthouse* fil-Mosta, (ii) garaxx fil-Mosta, u (iii) garaxx ieħor f'Buġibba, San Pawl il-Baħar. B'hekk skont l-attur Paul Fenech, huwa kellu jirċievi dawn it-tliet proprjetajiet għax-xogħol tal-injam li kellu jwettaq. Fuq ix-xaqliba l-oħra, il-konvenut Cortis jisħaq li l-attur wettaq ammont ta' xogħol tal-injam b'tali mod li dan kien ħaqqu jitħallas biss bil-*penthouse* u l-garaxx li jinsabu f'*Main Street*, fil-Mosta;

15. B'kuntratt magħmul fl-atti tan-nutara Vanessa Bonniċi fl-4 ta' Settembru, 2008, il-konvenut Carmel Cortis, f'isem Baħrija Property Developments Limited, biegħ lil Paul Fenech, li deher fuq il-kuntratt f'isem P&D Properties Ltd, il-garaxx bin-numru 3, li jagħmel parti minn Oak Leaf Apartments fi Triq il-Kbira, fil-Mosta (ara paġni 55 sa 63 tal-atti tal-kawża). Dan il-bejgħ sar għall-prezz ta' €13,976, liema ammont il-partijiet iddikjaraw li kien diġà ġie mħallas lil Carmel Cortis qabel sar il-kuntratt;

16. Imbagħad, b'kuntratt ieħor magħmul fl-atti tan-nutara Vanessa Bonniċi fis-17 ta' Frar, 2010, il-konvenut Carmel Cortis flimkien ma' Gilbert Buġeja, li dehru fuq il-kuntratt f'isem Gilkal Limited, biegħu lil Paul Fenech, li deher fuq il-kuntratt f'isem P&D Properties Ltd, il-*penthouse* bin-numru 6 li tagħmel parti minn Oak Leaf Apartments fi Triq il-Kbira, fil-Mosta (ara paġni 42 sa 54 tal-atti tal-kawża). Dan il-bejgħ sar għall-prezz ta' €128,100, liema ammont il-partijiet iddikjaraw li kien diġà ġie mħallas lill-bejjiegħa qabel sar il-kuntratt;

17. Sadattant jirriżulta li Paul Fenech kellu l-pussess fiżiku ta' ħanut/garaxx f'Buġibba (it-tielet post li jissemma fil-karta li tinsab f'paġna 5 tal-atti tal-kawża). Ġara iżda li b'sentenza tat-18 ta' Frar, 2011, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, kif xort'oħra mpoġġija, laqgħet it-talbiet ta' Carmel Cortis, li Paul Fenech kien qiegħed iżomm dan il-ħanut bin-numru 32, li jġib l-isem 'Kalabardi Shop', fi Triq il-Qroll, f'Buġibba, San Pawl il-Baħar mingħajr ebda titlu validu fil-liġi u b'hekk ordnatlu biex iħalli l-pussess vojt ta' dan il-ħanut lil Carmel Cortis, fi żmien xahar mid-data tas-sentenza (ara s-sentenza biċ-ċitazzjoni numru 71/2011 f'paġni 291 sa 294 tal-atti tal-kawża). Din is-sentenza ġiet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell fil-11 ta' Mejju, 2015 (ara s-sentenza f'paġni 298 sa 313 tal-atti tal-kawża);

18. Billi t-trasferiment ta' dan it-tielet post ta' Buġibba, imsemmi fil-karta ta' paġna 5 tal-atti tal-kawża, baqa' ma sarx u billi Paul Fenech dehrlu li Carmel Cortis kien fadallu xi jħallsu tax-xogħlijiet li kien għamel, fis-16 ta' Diċembru, 2011 l-attur fetaħ din il-kawża;

***Konsiderazzjonijiet***

19. Din hija kawża fejn l-attur qiegħed jitlob li huwa jitħallas is-somma ta' €51,794.35 għal xogħol tal-injam li huwa wettaq lill-konvenut. Min-naħa tiegħu l-konvenut jgħid li huwa m'għandu jagħti xejn lill-attur għaliex huwa diġà ħallsu kollox meta għaddielu żewġ proprjetajiet immobbli;

20. Peress li f'din il-kawża l-konvenut Carmel Cortis ressaq numru ta' eċċezzjonijiet ta' xejra preliminari, ikun xieraq li l-ewwel jiġu indirizzati dawn l-eċċezzjonijiet qabel il-qorti tisħarreġ il-qalba tat-tilwima ta' bejn il-partijiet;

21. Il-qorti sejra tibda biex tistħarreġ l-**ewwel eċċezzjoni** ta' Carmel Cortis fejn huwa saħaq li l-attur ma setax iressaq din il-kawża qabel ma jħallas l-ispejjeż u d-drittijiet ġudizzjarji li huwa kien ġie kkundannat iħallas fi proċeduri ġudizzjarji oħra li dan kellu miegħu;

22. Fl-eċċezzjoni tiegħu, Carmel Cortis ma jsemmi l-ebda artikolu tal-liġi, iżda mbagħad fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu huwa jagħmel referenza għall-**artikolu 907(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, li jaqra hekk: *«Il-parti li tirrinunzja għall-atti għandha tħallas l-ispejjeż tal-kawża u hija ma tistax tibda kawża oħra għall-istess ħaġa, qabel ma tkun fil-fatt ħallset dawk l-ispejjeż lill-parti l-oħra»*;

23. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu Carmel Cortis jargumenta li għalkemm l-artikolu hawn fuq imsemmi jitkellem biss dwar ċirkostanza fejn kawża tiġi ċeduta, ma hemm l-ebda raġuni għalfejn dan l-artikolu m'għandux jiġi mħaddem u mġebbed ukoll f'sitwazzjoni fejn parti telliefa tkun naqset milli tħallas l-ispejjeż ta' kawża lill-parti l-oħra;

24. Il-qorti tibda billi tgħid illi jekk jirriżulta li parti tkun naqset milli tħallas l-ispejjeż ta' kawża ċeduta jew rinunzjata u fl-istess ħin tiftaħ kawża oħra dwar l-istess ħaġa kontra l-istess parti, dan m'għandux iġib in-nullità ta' dik il-kawża. Minflok, ċirkostanza bħal din għandha twassal lill-qorti biex teħles lill-parti konvenuta mill-ħarsien tal-ġudizzju (ara ***Guido Ċefai v. Dottor Emanuel Ċefai***, Appell Superjuri, 31 ta' Mejju, 2002);

25. Kif intqal fis-sentenza ***Nadia Żammit noe v. Edward Anastasi et***, maqtugha mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-2 ta' Lulju, 2009,

> *«L-effetti tad-dispożizzjoni tal-liġi huma ta' xejra perentorja tal-ġudizzju tali li, jekk kemm-il darba jintwera li l-ispejjeż tal-kawża ta' qabel li tkun marret deżerta ma jkunux għadhom tħallsu qabel ma tkun infetħet il-kawża l-ġdida, dak in-nuqqas iħalli effett li jolqot fl-essenza tagħha t-tieni azzjoni, bil-konsegwenza li l-parti mħarrka t-tieni darba tinħeles milli tibqa' iżjed fil-kawża.»*

26. Issir riferenza wkoll għas-sentenza ***Maria Aquilina v. Francesco D'Amato nomine***, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Diċembru, 1955, ċitata b'approvazzjoni mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-sentenza ***Azzopardi Waterproofing Limited v. Transport Malta*** mogħtija fit-30 ta' Lulju, 2018 fejn ingħad li jekk l-ispejjeż ta' kawża preċedenti ma jiġux imħallsa l-konsegwenza hija li t-tieni kawza ma setgħetx issir u l-konvenut għandu jiġi meħlus mill-ħarsien tal-ġudizzju;

27. Il-liġi torbot ir-regola tal-ħlas tal-ispejjeż lill-parti l-oħra dwar il-kawża li tkun saret qabel ma' azzjoni li tkun «*għall-istess ħaġa*». Dan jgħodd ukoll jekk it-tieni kawża titressaq quddiem qorti differenti minn dik li quddiemha kienet tressqet il-kawża li ġiet ċeduta. Dak li jikkostitwixxi "l-istess ħaġa" mhuwiex tabilfors l-użu tal-istess kliem, imma n-natura fil-qofol tal-azzjoni l-waħda u l-oħra (ara ***Tasika Auto Limited v. Jason Mizzi*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Ottubru, 2003);

28. Kemm hu hekk, f'sitwazzjoni partikolari fejn, l-ewwel tressaq rikors għar-ritrattazzjoni ta' appell li fih intalab is-smigħ mill-ġdid ta' appell mingħajr ma saret talba għat-tħassir tas-sentenza tal-appell, liema rikors imbagħad ġie ċedut, u aktar tard tressaq rikors mill-ġdid bl-inklużjoni tat-talba għat-tħassir tas-sentenza li kienet qiegħda tiġi attakkata, il-qorti kienet tal-fehma li t-tieni rikors kien sostanzjalment differenti mill-ewwel wieħed għaliex dan kien jinkludi talba li ma saritx fl-ewwel rikors. Għalhekk, f'ċirkostanza bħal dik ma setax jiġi invokat b'suċċess l-**artikolu 907(2) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** (ara ***Guido Ċefai v. Dottor Emanuel Ċefai***, ċitata aktar 'il fuq);

29. Lura għall-każ tagħna, f'nota mressqa minnu fit-22 ta' Settembru, 2021, il-konvenut Carmel Cortis għamel lista tal-kawżi li dwarhom huwa qiegħed jgħid li ma tħallasx l-ispejjeż min-naħa ta' Paul Fenech (ara paġni 288 sa 313 tal-atti tal-kawża). Id-deċiżjonijiet inkwistjoni kienu: (i) digriet tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datat 15 ta' Diċembru, 2010 dwar mandat ta' inibizzjoni mressaq minn Paul Fenech; (ii) sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili datata 18 ta' Frar, 2011 dwar talba ta' Carmel Cortis biex iġiegħel lil Paul Fenech joħroġ mill-ħanut bin-numru 32, bl-isem *Kalabardi Shop*, li jinsab fi Triq il-Qroll, Buġibba, San Pawl il-Baħar; (iii) sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 5 ta' Diċembru, 2014 dwar talba għar-rikuża tal-imħallfin Silvio Camilleri u Giannino Caruana Demajo; u (iv) sentenza tal-Qorti tal-Appell li kkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-18 ta' Frar, 2011;

30. F’dan il-każ, l-għan wara l-azzjoni mibdija minn Paul Fenech huwa li jiġi mħallas għax-xogħol tal-injam li huwa jgħid li wettaq lill-konvenut u li tiegħu huwa għadu s’issa ma tħallasx, u kif ukoll għal numru ta’ spejjeż oħra li huwa għamel u li minnhom huwa jisħaq li gawda l-konvenut. Il-kwistjonijiet deċiżi fid-digriet u fis-sentenzi hawn fuq imsemmija huma ferm differenti mill-kwistjonijiet li dwarhom Paul Fenech issa qiegħed jitlob deċiżjoni f’din il-kawża. Tassew, l-ebda waħda minn dawk id-deċiżjonijiet ma kienet tirrigwarda t-talba għal-ħlas ta’ xogħlijiet li ġew imwettqa u l-ispejjeż li ġew minfuqa minn Paul Fenech għall-vantaġġ ta’ Carmel Cortis, u għalhekk fiż-żgur ma jistax jingħad li l-kawża tal-lum qiegħda tintalab “l-istess ħaġa” li diġà ġiet deċiża fid-deċiżjonijiet imsemmija;

31. Lil hemm minn dan kollu, l-**artikolu 907(2)** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta**, li fuqu l-konvenut qiegħed isejjes l-argumenti tiegħu, xorta ma jistax jiġi applikat għal dan il-każ għaliex ladarba l-liġi ssemmi biss ir-rinunzja, dan l-artikolu ma jistax jiġi mġebbed biex ikopri wkoll każijiet fejn ikun hemm deċiżjoni tal-qorti. Kemm hu hekk, ingħad mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Sebastian Brincat v. Antonio Mifsud et*** deċiża fis-16 ta’ April, 2004, «*li mhux leċitu la għall-parti u lanqas għall-Qorti li l-artikolu de quo jiġi estiż ukoll għall-każi fejn hemm deċiżjoni tal-Qorti. Ubi lex voluit, dixit. Lanqas ma huwa l-każ fejn b’analoġija tiġi applikata l-loġika, kif suġġerit mill-appellanti, għas-sempliċi raġuni li meta t-test tal-liġi huwa suffiċjentement ċar u inekwivoku m’hemm xejn x’wieħed jinterpreta fih*»;

32. Bħalma ngħad dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Natalia Menshova v. Raphael Asciak pro et noe*** deċiża fis-17 ta’ Marzu, 2022, id-dispożizzjonijiet tal-**artikolu 907** tal-**Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta** għandhom kemm jista’ jkun jingħataw interpretazzjoni dejqa favur l-aċċess għall-qorti aktar milli favur iċ-ċaħda għall-qorti. Sewwasew fil-każ tagħna, huwa ċar li dan l-**artikolu 907(2)** jgħodd biss meta jkun hemm rinunzja ta’ kawża preċedenti u mhux meta jkun hemm sentenza jew deċiżjoni preċedenti. Għalhekk il-qorti tħoss li hija għandha tapplika dan l-artikolu preċiżament kif inhu u mingħajr tħassib żejjed (ara f’dan is-sens ***Joseph Dingli et v. Iris Giacomotto et*** deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fis-17 ta’ Marzu, 1986);

33. Dan huwa wkoll proċeduralment korrett għaliex jekk deċiżjoni tkun għadha pendenti u ssir kawża oħra fuq l-istess mertu, allura tkun tista' tingħata l-eċċezzjoni tal-*lis alibi pendens*, filwaqt li jekk dak il-mertu jkun diġà ġie deċiż, allura f'dak il-każ tkun tista' titqajjem l-eċċezzjoni tar-*res judicata*. Issa huwa ovvju li fil-każ tagħna l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet ma setgħu jingħataw għar-raġuni li d-deċiżjonijiet li ssemmew mill-konvenut fin-nota tiegħu kienu dwar mertu li huwa ferm differenti minn dak li qiegħed jiġi eżaminat f'din il-kawża;

34. Għalhekk, tħares minn fejn tħares, din l-eċċezzjoni tal-konvenut mhijiex talba u għalhekk qiegħda tiġi mwarrba;

35. Fit-tweġiba maħlufa tiegħu, preċiżament fit-**tieni eċċezzjoni**, il-konvenut Carmel Cortis jgħid ukoll li r-rikors maħluf huwa null għaliex fih konfużjoni t'azzjonijiet, premessi mhux meħtieġa, u talbiet li ma jsegwux, li mhumiex ċari u li joħolqu konfużjoni. Huwa jkompli jisħaq l-irritwalità tar-rikors maħluf fit-**tielet eċċezzjoni** tiegħu, fejn jgħid li t-tieni, it-tielet u r-raba' talba bl-ebda mod ma jimxu mal-ewwel talba magħmula mill-attur;

36. Il-konvenut jilmenta li minħabba dan kollu huwa ġarrab preġudizzju għaliex huwa ġie mfixkel milli jressaq id-difiża tiegħu;

37. Jissokta jingħad li l-aspett tar-ritwalità ta' azzjoni huwa marbut mal-forma tal-att li bih titressaq kawża (ara ***Rita Cassar v. Licia Borg*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-14 ta' Diċembru, 2018). Kif ġie mtenni dan l-aħħar mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Richard Attard v. John Rizzo*** deċiża fit-18 ta' Frar, 2021,

> *«f'materja ta' nullità tal-atti, is-sanzjoni estrema tan-nullità ta' att ġudizzjarju titlob li l-eċċezzjoni tintlaqa' biss f'każijiet eċċezzjonali meta r-rimedju waħdieni li jingħata lill-imħarrek għall-preġudizzju mġarrab ikun it-tħassir tal-att, kif jipprovdi wkoll il-proviso tal-**Artikolu 789(1) tal-Kodiċi tal-Organiżżazzjoni u Proċedura Ċivili**. Hija sanzjoni estrema li l-liġi timponi biss meta n-nuqqas formali jew sostanzjali ma jkunx jista' jiġi assolutament tollerat bla ħsara għal xi prinċipju ta' ġustizzja proċedurali (App. Ċiv. 4.11.1991 fil-kawża fl-ismijiet **Vella v. Ċefai***

*(Kollez. Vol: LXXV.ii.467). Fuq kollox, il-liġi tal-proċedura hija maħsuba biex il-kawżi jimxu b'ħeffa u effiċjenza, ekonomija w ħarsien tal-jeddijiet tad-difiża u tal-prinċipji tal-ġustizzja naturali.»*

38. Minn dak li tista' tifhem il-qorti, jidher li l-konvenut qiegħed jargumenta li r-rikors maħluf ma jħarisx dak mitlub fl-**artikolu 156(1)(a)** u **(b) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** dwar it-tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talbiet f'kawża;

39. Madankollu, kif tajjeb imtenni mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Salvina magħrufa bħala Sylvia Buġeja v. Albert Debono et*** deċiża fis-27 ta' Settebru, 2009,

> *«Dan ma jfissirx però li kwalunkwe nuqqas da parti ta' l-attur għandu mill-ewwel jiġi meħud fis-sens li qed imur kontra d-dispost tal-***Artikolu 156(1) tal-Kap 12*** u għalhekk iġib miegħu n-nullità taċ-ċitazzjoni. Infatti, biex ċitazzjoni tiġi mwaqqfa, jrid ikun hemm raġuni gravi, b'mod li l-konvenut ikun jista' jiġi ppreġudikat fid-difiża tiegħu.»*

40. Fil-fatt l-**artikolu 156 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta** ġie mogħti interpretazzjoni wiesgħa ħafna fil-ġurisprudenza tagħna sabiex kemm jista' jkun l-atti jiġu salvati għall-prattiċità u biex tiġi evitata multiplikazzjoni ta' kawżi u spejjeż żejda (ara ***Rose Bezzina et v. Stefan Apap*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021);

41. M'hemmx għalfejn ngħidu, il-liġi titlob li l-azzjoni u t-talbiet għandhom jinkitbu b'mod ċar u li jinftiehmu, sabiex b'hekk il-konvenut ikollu l-opportunità sħiħa li jiddefendi lilu nnifsu fil-parametri tal-azzjoni kif imressqa (ara ***Frederick Attard v. Malta International Airport p.l.c. et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-17 ta' Marzu, 2021);

42. Barra minn dan, il-ġurisprudenza tenniet ukoll li biex rikors maħluf ikun jiswa, dak li jintalab ma jridx ikun f'kontradizzjoni miegħu nnifsu (ara *inter alia* ***Salvatore Aquilina v. Joseph Oliver Ruġġier nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fid-9 ta' Jannar, 1995, ***Flavia Cassar et v. Carmelo Muscat et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-14 ta' Novembru, 2011, ***Rita Nicolosi et v. L.E.P.T. Enterprises Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Jannar, 2014 u ***Mary Grech et v. Maria Borg*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu, 2014);

43. Naturalment, il-fatt li f'kawża jitressqu diversi talbiet, dan ma jġibx b'daqshekk dawk it-talbiet bħala kontradittorji. Dwar dan il-punt, il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza ***Calċedonia Paċe v. Patrick Paċe*** deċiża fit-30 ta' Ottubru, 2015, qalet li,

> *«Ma hemm xejn fil-liġi li żżomm lil xi attur milli jressaq, kontra l-istess konvenut, diversi talbiet marbuta ma' diversi kwistjonijiet li għandhom bejniethom. Dak li l-liġi tipprojbixxi huwa kontradittorjetà fil-kawżali u/jew talbiet, u mhux il-multipliċità tal-istess. F'każ ta' multipliċità ta' talbiet dipendenti fuq diversi negozji ġuridiċi bejn l-istess partijiet, l-attur ikun irid iġib il-provi relattivi għal kull negozju, però, dan il-fatt ma jagħmilx l-azzjoni anqas ċara.»*

44. Wara kollox ma hemm xejn fil-liġi li jżomm attur milli jiġma' f'azzjoni waħda aktar minn talba waħda, mibnija fuq aktar minn sies legali jew ġuridiku wieħed (ara ***Martin Ġerada et v. Joseph Ċiscaldi et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-16 ta' Mejju, 2013);

45. Issa l-konvenut qiegħed jargumenta f'dawn l-eċċezzjonijiet tiegħu li l-azzjoni attriċi għandha titqies bħala nulla għaliex ġiet imsejsa fuq premessi u binarji li jmorru kontra xulxin;

46. Hija ħaġa iebsa li tgħid b'regola minn qabel, liema huma dawk l-azzjonijiet multipli li ma joqogħdux flimkien. Għalhekk il-kejl xieraq hu li l-kwistjoni trid titqies skont il-mertu ta' kull każ (ara ***Carmela Buttiġieġ et v. Carmen Aġius*** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-23 ta' Marzu, 2010);

47. Il-qorti għalhekk reġgħet fliet ir-rikors maħluf u tibda biex tgħid li mhuwiex minnu li l-azzjoni mibdija mill-attur Paul Fenech tiġbor fiha aktar minn għan wieħed. L-għan ewlieni tal-azzjoni tiegħu huwa li jiġbor il-ħlas għax-xogħlijiet li jgħid li wettaq lill-konvenut u li jiġbor l-ispejjeż li huwa jgħid li għamel għall-benefiċċju tal-istess konvenut. Dan kien is-sies ewlieni tal-azzjoni tal-attur;

48. Il-qorti lanqas qiegħda tara li l-attur ressaq xi talbiet li ma jimxux waħda mal-oħra. Huwa ċar f'għajnejn il-qorti li l-ewwel talba mressqa mill-attur, fejn huwa qiegħed jitlob

dikjarazzjoni li l-ftehim oriġinali tal-appalt li kien hemm bejnu u bejn il-konvenut ġie mitmum minħabba azzjoni li ħa l-konvenut, torbot mat-teżi tiegħu li huwa ma jaħti xejn għat-tmiem tal-appalt, u li għalhekk huwa għandu jitħallas għax-xogħol li laħaq wettaq lill-konvenut. M'hemmx dubju li t-tieni talba tiegħu hija marbuta ma' din l-ewwel talba għaliex fiha huwa qiegħed jitlob li jitħallas għax-xogħol li jgħid li wettaq fi flus kontanti minflok bi tpartit ma' ġid immobbli, hekk kif skontu kien il-ftehim oriġinali bejn il-partijiet. Wara kollox, fil-premessi tar-rikors maħluf ġie mfisser li ladarba l-appalt kien ġie mwaqqaf, l-attur ma kienx laħaq wettaq biżżejjed xogħol tal-injam biex il-konvenut ikun jista' jħallsu billi jgħaddilu l-ħanut ta' San Pawl il-Baħar, u li kien għalhekk li huwa kien qiegħed jitlob li jitħallas fi flus kontanti;

49. Huwa ċar ukoll li t-tielet u r-raba' talbiet tal-attur biex il-qorti tillikwida u tordna l-ħlas dovut lilu mill-konvenut, saru b'konsegwenza għat-tieni talba tiegħu fejn huwa qiegħed jitlob dikjarazzjoni ta' din il-qorti li huwa għandu jitħallas għax-xogħol u l-ispejjeż li għamel għall-benefiċċju tal-konvenut. Għalhekk, il-qorti ma hija qiegħda tara l-ebda taħwid fit-talbiet imressqa mill-attur. Fuq kollox, joħroġ ċar ukoll, li l-konvenut fehem sew x'inhuma dawn it-talbiet li saru kontrih għaliex huwa ressaq eċċezzjonijiet speċifiċi fejn ċaħad kull waħda minn dawn it-talbiet. Tassew, l-azzjoni kif imressqa mill-attur ma fixklet xejn lill-konvenut milli jressaq difiża xierqa biex ixejjen it-talbiet attriċi;

50. Għalhekk, din il-qorti ssib li anke t-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet dwar in-nullità tar-rikors maħluf mhumiex siewja, u għalhekk dawn qegħdin jiġu miċħuda. Anzi l-qorti żżid tgħid li dawn iż-żewġ eċċezzjonijiet, bħall-eċċezzjoni l-oħra ta' qabilhom dwar l-**artikolu 907 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**, saru fil-vojt u swew biss biex ħlew il-ħin tal-qorti milli tidħol mill-ewwel fil-qalba tat-tilwima li hemm bejn il-partijiet. Minħabba f'hekk, il-qorti sejra tqis dan il-ħela ta' żmien meta tasal għall-kap tal-ispejjeż ta' din il-kawża;

51. L-aħħar eċċezzjoni ta' xejra preliminari mressqa minn Carmel Cortis hija l-**<u>ħames waħda</u>** tiegħu fejn huwa jgħid li l-ġudizzju ta' din il-qorti ma jistax ikun wieħed sħiħ għaliex ix-xogħol mogħti lill-attur ma ngħatax minn Carmel Cortis waħdu iżda ngħata lilu flimkien ma' oħrajn;

52. Il-qorti tibda billi tgħid illi hija taqbel ma' dak imsemmi mill-Qorti tal-Appell fis-sentenza ***Anġolina Spiteri et noe v. Anthony Merċieca et noe*** deċiża fis-6 ta' Lulju, 2007, li:

> *«La legge non commina la nullità degli atti per mancanza di citazione di un terzo interessato." (ara **Vol XVI pI p117**) Kieku ma kienx hekk il-każ, ma kienx ikun hemm sens għall-intervent fil-kawża in statu et terminis, kompriż fl-istadju ta' l-appell (**Art. 960 tal-Kapitolu 12**) jew għas-sejħa fil-kawża ta' terza persuna (**Art. 961 tal-Kapitolu 12**) (**Aġius V pen v. Borġ M et** – PA – 28 ta' Marzu 2003).»*

53. Dwar dan l-aspett huwa miżmum li l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju hija waħda dilatorja li trid titqajjem, bħalma sar f'dan il-każ, fil-bidu tal-kawża (ara ***Concetta Cassar v. Alfred Żammit*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) fis-27 ta' Novembru, 2009 u ***George Borġ et v. Paola Tabone*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-9 ta' Ottubru, 2009);

54. In-natura tal-eċċezzjoni ta' nuqqas ta' integrità tal-ġudizzju hija mibnija fuq tliet (3) konsiderazzjonijiet ewlenin, jiġifieri: (i) fuq il-ħtieġa li f'kawża jieħdu sehem dawk kollha li huma interessati fil-kwistjoni; (ii) li jiġi żgurat li l-ġudizzju jkun wieħed effikaċi u li jorbot; u (iii) li jitħares kemm jista' jkun il-prinċipju tal-ekonomija tal-ġudizzju (ara ***Victor Żahra Dedomenico v. Alfred Żahra Dedomenico*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-15 ta' Jannar, 1992 u ***David Aquilina v. L-Onorevoli Prim Ministru et*** deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-22 ta' Novembru, 2006);

55. Il-parteċipazzjoni fil-kawża ta' persuna interessata għandha importanza mhux biss għall-aħjar ġudizzju tal-qorti iżda wkoll għall-istess persuna li kellha tkun fil-kawża (ara ***Improved Design Limited v. Anthony Mifsud et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' April, 2013);

56. Il-qorti tqis li l-liġi tħalli għalkollox f'idejn il-parti li tiddeċiedi u tagħżel x'għamla ta' kawża tixtieq tressaq. «*Dwar dan, lil dik il-parti ma għandu jindaħlilha ħadd, għaliex ir-riperkussjonijiet ta' għażla bħal dik jissarrfu fil-piż li dik il-parti trid iġġorr biex*

*tipprova kif imiss dak li tippretendi u dak li titlob*» (***Arthur Xuereb v. Silvio Borġ et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fil-25 ta' Ġunju, 2019);

57. Huwa l-attur li jrid jiddeċiedi kontra min irid jiftaħ il-kawża biex jiġbor dak li jgħid li huwa dovut lilu. Jekk l-attur jidhirlu li jrid jiftaħ il-kawża tiegħu kontra persuna waħda biss, anke jekk jista' jkun hemm aktar nies li jistgħu jwieġbu għal dak li qiegħed jitlob, dan huwa dritt tiegħu, u l-konvenut ma jistax jitlob li l-każ jitwessa' biex jinkludi l-persuni l-oħra li skontu għandhom iwieġbu għat-talbiet tal-attur. Il-konvenut jista', fid-difiża tiegħu, jipprova jitfa' r-responsabbiltà tal-ħlas fuq it-terzi li huwa jgħid li huma mdaħħla fl-appalt, jew saħansitra jġib prova li huwa għandu jwieġeb għall-ammont mitlub mill-attur f'sehem partikolari biss u mhux għall-ammont sħiħ. Tassew, f'każ li l-qorti ssib li l-konvenut ikollu raġun, hija tista' wkoll teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, jekk mhux għalkollox, għallinqas f'parti minnu. Madankollu, il-konvenut ma jistax iġiegħel lill-attur jiftaħ il-kawża tiegħu kontra terzi jekk l-attur ma jridx dan (ara f'dan is-sens ***Avukat Peter Caruana Galizia et v. Yorgen Fenech et***, Appell Superjuri, 22 ta' Ġunju, 2022);

58. Terġa' u tgħid, għalkemm fis-sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut Carmel Cortis baqa' jisħaq li l-ġudizzju mhuwiex wieħed integru u li sħabu fin-negozju għandhom iwieġbu wkoll għat-talbiet tal-attur, huwa ma ressaq l-ebda sottomissjoni li huwa għandu jwieġeb biss skont is-sehem tiegħu fin-negozju f'każ li l-qorti ssib li t-talbiet tal-attur għandhom jiġu milqugħa;

59. Fuq kollox, mill-provi mressqa quddiemha, il-qorti jirriżultalha li għalkemm il-konvenut Carmel Cortis tabilħaqq kien daħal għal proġett ta' bini f'Birguma, fin-Naxxar flimkien ma' oħrajn, kull imsieħeb f'dan il-proġett kellu joħroġ l-ispejjeż relatati ma' xogħlijiet partikolari. Fil-każ tal-proġett ta' Birguma, ix-xogħlijiet tal-injam li kienu meħtieġa għal din il-binja kellu jħallashom il-konvenut Carmel Cortis waħdu (ara x-xiehda ta' Ivan Carabott f'paġni 171 u 172 tal-atti tal-kawża). Kemm hu hekk, għalkemm mill-provi jirriżulta li Ivan Carbott, li kien is-sieħeb ta' Carmel Cortis fin-negozju, kien ħallas xi flus lil Paul Fenech għax-xogħol tal-injam li huwa għamel, l-istess Ivan Carabott xehed li huwa kien ħallas dawn il-flus f'isem Carmel Cortis bħala parti mid-dejn dovut lill-attur

mill-istess Carmel Cortis (ara l-affidavit ta' Ivan Carabott f'paġna 100 tal-atti tal-kawża u x-xiehda tiegħu f'paġna 160 tal-atti tal-kawża);

60. L-istess Ivan Carabott saħaq li x-xogħol tal-injam kellu jiġu mħallas minn Carmel Cortis u li huwa kien ħallas €10,000 lill-attur għaliex kien ġie awtorizzat biex jagħmel hekk minn Carmel Cortis. Fil-fatt, skont Carabott, Paul Fenech qatt ma kien talbu biex jgħaddilu aktar flus (ara x-xiehda tiegħu f'paġna 171 tal-atti tal-kawża). Din il-verżjoni ta' Carabott fl-ebda waqt ma ġiet imxejna jew imwaqqa' mill-partijiet f'din il-kawża;

61. B'żieda ma' dan, il-qorti tqis ukoll li l-attur Paul Fenech qiegħed isejjes il-kawża tiegħu fuq dokument li ġie ffirmat biss minnu u mill-konvenut Carmel Cortis, u minn ħadd aktar (ara d-dokument f'paġna 5 tal-atti tal-kawża). Għalkemm fil-bini tal-proġett f'Birguma seta' kien hemm terzi involuti bħala msieħba mal-konvenut Cortis, fl-aħħar mill-aħħar il-ftehim dwar ix-xogħlijiet tal-injam jidher li kien sar biss bejn l-attur u l-konvenut;

62. Għalhekk, fid-dawl ta' dan kollu, din il-qorti ma qiegħda tara li kien hemm l-ebda ħtieġa li jiġu mħarrka t-terzi msemmija mill-konvenut Carmel Cortis f'din il-kawża għaliex huwa dan tal-aħħar li jrid iwieġeb għat-talbiet imressqa mill-attur. Issa dwar jekk Carmel Cortis għandux jiġi mġiegħel iħallas lill-attur xi flejjes, dik hija kwistjoni oħra li sejra tiġi mistħarrġa aktar 'il quddiem f'din is-sentenza. Dak li qiegħda tgħid il-qorti għalissa huwa li l-attur għamel sew li mexxa din l-azzjoni tiegħu kontra Carmel Cortis biss. Għaldaqstant, il-ħames eċċezzjoni tal-konvenut dwar in-nuqqas tal-integrità tal-ġudizzju qiegħda tiġi miċħuda;

63. Darba li l-eċċezzjonijiet preliminari ta' Carmel Cortis ġew meqjusa, din il-qorti issa tista' tgħaddi biex tqis dak li huwa l-**qofol tat-tilwima** bejn il-partijiet;

64. Hemm qbil bejn il-partijiet li l-attur Paul Fenech kien ġie mqabbad mill-konvenut Carmel Cortis biex dan iwettaq xi xogħlijiet tal-injam u li bħala ħlas għal dawn ix-xogħlijiet, il-konvenut kellu jgħaddi lill-attur xi postijiet immobbli. Madankollu, ma hemmx qbil bejniethom dwar jekk l-attur tħallasx għax-xogħol kollu li wettaq. L-attur jisħaq li hu u l-

konvenut kienu ftiehmu li huwa kellu jagħmel biżżejjed xogħol tal-injam biex il-konvenut ikun jista' jgħaddilu *penthouse* u garaxx fil-Mosta u garaxx ieħor f'Buġibba, San Pawl il-Baħar. Huwa jgħid li l-konvenut waqqaflu l-appalt u għalhekk huwa ma laħaqx wettaq biżżejjed xogħol tal-injam biex il-konvenut ikun jista' jgħaddilu t-tielet proprjetà. B'hekk huwa qiegħed jippretendi li jitħallas €51,794.35 mingħand il-konvenut għax-xogħlijiet li huwa wettaqlu u dwarhom baqa' ma tħallasx. Min-naħa l-oħra, il-konvenut Cortis jgħid li huwa m'għandu jħallas xejn lill-attur Fenech għaliex huwa ħallsu għax-xogħlijiet kollha li wettaqlu permezz taż-żewġ proprjetajiet immobbli li diġà għaddielu;

65. L-attur isejjes il-pretensjoni tiegħu fuq dak li huwa jsejjaħlu ftehim li seħħ bejnu u bejn il-konvenut Cortis (ara paġna 5 tal-atti tal-kawża). L-attur jgħid li dan id-dokument jikkonsisti fi ftehim ta' appalt fejn il-konvenut wiegħdu li jittrasferilu *penthouse* u garaxx fil-Mosta u garaxx ieħor f'Buġibba, San Pawl il-Baħar, u min-naħa tiegħu l-attur wiegħed lill-konvenut li huwa jaħdimlu xogħol tal-injam li jlaħħaq mal-valur ta' dawn il-proprjetajiet;

66. Min-naħa tiegħu, il-konvenut Cortis ma ċaħadx li d-dokument li jinsab f'paġna 5 tal-atti tal-kawża jikkonsisti fil-ftehim għax-xogħlijiet tal-injam u li l-mod ta' ħlas għal dawn ix-xogħlijiet kien bi tpartit ta' tliet proprjetajiet, hekk kif ġie mfisser mill-attur Paul Fenech (ara x-xiehda tiegħu f'paġni 79 u 181 tal-atti tal-kawża). Madankollu l-konvenut Cortis itenni li l-kont tax-xogħol imwettaq mill-attur Fenech ġie saldat bil-valur taż-żewġ postijiet li ġew trasferiti lilu;

67. Il-qorti titlaq billi tgħid li hija ma tistax ma tikkummentax dwar il-mod dilettanti ta' kif il-partijiet fasslu l-ftehim tagħhom bil-miktub. Il-qorti fliet dan id-dokument kemm-il darba iżda fil-fehma tagħha dan id-dokument ma jagħti l-ebda ħjiel li dan huwa kuntratt ta' appalt. Għalkemm dan id-dokument huwa ffirmat kemm mill-attur u kif ukoll mill-konvenut, fih ma jissemma xejn dwar ix-xogħlijiet tal-injam li kellhom isiru mill-attur u dwar kif kellu jsir il-ħlas mill-konvenut għal dawn ix-xogħlijiet. F'dan id-dokument hemm imniżżel biss il-valur ta' numru ta' proprjetajiet u xejn aktar. Tassew min ikun sejjer jidħol f'kuntratt ta' appalt ta' valur li mhuwiex żgħir, bħalma jidher li kien il-ftehim

inkwistjoni, għandu joqgħod b'seba' għajnejn u jiżgura li l-kundizzjonijiet miftiehma jinkitbu b'manjiera ċara; jekk hemm bżonn anke bis-sehem ta' nies professjonisti fil-qasam legali. Wara kollox il-professjonisti legali għalhekk qegħdin hemm biex jgħinuk tagħmel dokumenti legali li huma tajbin u li jinftiehmu. Il-partijiet iżda f'dan il-każ dehrilhom li huma kienu kapaċi biżżejjed li setgħu jagħmlu l-ftehim ta' bejniethom waħidhom u l-karta li tinsab f'paġna 5 tal-atti tal-kawża hija l-prodott finali li minħabba fiha spiċċaw biex il-partijiet kaxkru lilhom infushom f'din il-kawża, li issa ilha għaddejja 'l fuq minn ħdax-il sena;

68. Lil hinn minn dan kollu, mill-qari tal-provi jidher li l-intenzjoni tal-partijiet tal-kawża fil-fatt kienet li l-attur iwettaq xogħlijiet tal-injam b'tali mod li huwa jitħallas bit-tliet proprjetajiet hawn fuq imsemmija. Kemm hu hekk, il-konvenut eventwalment għadda lill-attur il-garaxx u l-*penthouse* fil-Mosta, filwaqt li l-garaxx ta' Buġibba għamel xi żmien fil-pussess tal-attur, sakemm dan tal-aħħar ġie żgumbrat minnu b'ordni tal-qorti wara li l-konvenut fetaħ proċeduri ġudizzjarji kontrih biex joħorġu minn hemm;

69. Jidher ukoll li hemm qbil bejn il-partijiet li l-appalt mogħti minn Carmel Cortis lil Paul Fenech ġie mitmum u kif ukoll li dan tal-aħħar ma laħaqx wettaq biżżejjed xogħlijiet biex il-konvenut ikun jista' jgħaddilu fuq ismu l-garaxx ta' Buġibba. In-nuqqas ta' qbil li hemm bejn il-partijiet huwa: (i) dwar jekk l-appalt ġiex mitmum minħabba azzjoni unilaterali li ħa l-konvenut jew jekk fil-fatt kienx hemm raġuni tajba biex dan l-appalt jitwaqqaf; u (ii) dwar jekk Paul Fenech għadx għandu jirċievi xi ħlasijiet mingħand il-konvenut Carmel Cortis;

70. Il-qorti sejra tibda billi tistħarreġ l-ewwel punt ta' kontestazzjoni, jiġifieri jekk Carmel Cortis kellux raġuni tajba biex jieqaf jagħti xogħlijiet tal-injam lil Paul Fenech. Il-liġi tgħid li min jagħti appalt lil ħaddieħor, jista' jħoll il-ftehim ukoll jekk ix-xogħol ikun inbeda (ara l-**artikolu 1640(1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**). Din l-għażla jkollha effett minnufih malli jingħata avviż lill-appaltatur, ikun kif ikun imqar bil-fomm (ara l-**artikolu 1640(5) tal-Kap 16**). Din id-dispożizzjoni tal-liġi hija deroga għall-prinċipju ewlieni li, f'kuntratt bilaterali jew sinallagmatiku, l-ebda waħda mill-partijiet ma tista' minn rajha taqbad u

tħoll rabta kuntrattwali magħmula ma' parti oħra (ara ***Emmanuele Barbara v. Carmelo Morana et***, Qorti tal-Kummerċ, 21 ta' Ottubru, 1954). Fi kliem ieħor, il-liġi tagħti din l-għażla unilaterali lill-appaltant biss imqar jekk dan jiddeċiedi li jtemm l-appalt għal kull raġuni li jfettillu (ara ***Accountant General et v. Arthur John Ellul Sullivan nomine et***, Appell Kummerċjali, 14 ta' Ġunju, 1989);

71. Illi madankollu, f'każ bħal dan, tgħodd ħafna r-raġuni għaliex l-appaltant jagħmel għażla bħal din (ara ***Cutajar Construction Limited v. Pierre P. Gregoire***, Appell Superjuri, 29 ta' Marzu, 2019). Dan għaliex jekk ikollu raġuni tajba biex itemm l-appalt, l-appaltant għandu xorta waħda jħallas lill-appaltatur somma li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż li dan ikun nefaq u l-valur tax-xogħol, wara li jittieħdu b'qies l-utilità li dak ix-xogħol mitmum ikun għall-appaltant u d-danni li jkun ġarrab l-appaltant minħabba r-raġuni li għaliha jkun qatagħha li jtemm l-appalt (ara l-**artikolu 1640(3) tal-Kap 16**). Jekk, min-naħa l-oħra, l-appaltant ma jkollux raġuni tajba għaliex ikun temm l-appalt, huwa jkun irid iħallas lill-appaltatur somma li ma taqbiżx l-ispejjeż kollha li dan ikun nefaq u l-valur tax-xogħol mogħti, flimkien ma' somma oħra meqjusa mill-qorti bħala dik li ma tkunx ogħla minn kemm kien ikun il-qligħ tal-appaltatur mill-appalt li kieku tħalla jagħmlu kollu (ara l-**artikolu 1640(2) tal-Kap 16**);

72. Illi dak li joħloq raġuni tajba biex appalt jitwaqqaf jista' jinġabar taħt il-kappa tan-nuqqas ta' twettiq tal-kuntratt. Tali nuqqas jista' jseħħ: (i) bl-għoti ta' xogħol ħażin u mhux skont is-sengħa; (ii) bl-għoti ta' xogħol li, għalkemm fih innifsu jkun sar tajjeb, ma jkunx dak li ġie mitlub jew miftiehem; (iii) bin-nuqqas ta' twettiq f'waqtu tax-xogħol jew xogħol mogħti b'dewmien esaġerat jew lil hinn miż-żmien miftiehem; (iv) jew inkella fejn, bix-xogħol mibdi, jkun jidher li qiegħda ssir ħsara lill-ġid tal-appaltant (ara ***Tarcisio Saliba v. Donald Borġ***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 6 ta' Frar, 2016);

73. Mill-ġabra tal-provi jirriżulta li l-konvenut Carmel Cortis u Ivan Carabott, li kien imsieħeb ma' Cortis fil-proġett ta' Birguma, ma kinux kuntenti bix-xogħol li kien qiegħed jiġi mwettaq lilhom minn Paul Fenech. Dawn saħqu li l-kwalità tax-xogħol imwettaq minn Paul Fenech ma kinitx waħda tajba (ara x-xiehda ta' Ivan Carabott, f'paġna 161 tal-atti

tal-kawża) u li l-attur kien qiegħed jitnikker u jaqa' lura f'xogħlu (ara l-affidavit ta' Carmel Cortis f'paġna 178 tal-atti tal-kawża), tant li huma kellhom iqabbdu lil ħaddieħor biex jaħdmilhom ix-xogħol tal-injam (ara x-xiehda ta' Ivan Carabott f'paġna 172 tal-atti tal-kawża). Min-naħa l-oħra, l-attur Paul Fenech isostni li huwa ġie mwaqqaf milli jkompli jwettaq ix-xogħol tal-injam ħesrem mingħajr ma ngħata raġuni tajba;

74. Kif ġie spjegat aktar 'il fuq, din il-qorti m'għandha l-ebda tagħrif dwar il-ftehim tal-appalt li kien hemm bejn il-partijiet f'din il-kawża, għajr li l-attur kellu jwettaq xogħlijiet tal-injam lill-konvenut b'tali mod li dan tal-aħħar jkun jista' jgħaddilu tliet proprjetajiet bħala ħlas. Tassew, il-ftehim tal-appalt li jinsab f'paġna 5 tal-atti tal-kawża, jekk wieħed jista' jsejjaħlu hekk, ma jsemmi xejn dwar il-kwalità ta' xogħol li kellu jsir u dwar it-terminu ta' żmien li fih kellhom jitlestew ix-xogħlijiet tal-injam. Għalhekk, l-uniċi provi li l-qorti għandha quddiemha huma l-kelma ta' Camel Cortis u Ivan Carabott kontra dik tal-attur Paul Fenech;

75. Issa huwa miżmum fil-ġurisprudenza li l-apprezzament tal-provi mhuwiex xi eżerċizzju matematiku fis-sens li l-qorti trid bilfors taċċetta verżjoni jew oħra skont in-numru ta' xhieda li jkunu sostnew tali verżjoni. Tassew, ix-xiehda ta' xhud wieħed, jekk emmnuta, tista' tkun biżżejjed sabiex l-qorti tasal għall-konklużjoni tagħha (ara ***Anthony Paċe v. Frances sive Franca Camilleri et***, Appell Superjuri, 26 ta' Mejju, 2017). Kif tgħid il-massma Latina: *ponderantur non nemunerantur* (ara ***Gaetano Micallef v. Martha Micallef***, Appell Superjuri, 7 ta' Frar, 2019);

76. Il-qorti tqis li Ivan Carabott mhuwiex parti f'din il-kawża u mhux qiegħed jiġi mitlub iħallas xi flejjes lil Paul Fenech. B'hekk huwa m'għandu l-ebda interess f'din il-kawża jew inkella li jiġbed il-ħabel tal-konvenut. Għalhekk, f'dan il-każ il-qorti ma tara li hemm l-ebda raġuni għalfejn hija m'għandhiex toqgħod fuq il-kelma ta' Ivan Carabott. Jiġi b'hekk, li ladarba l-attur Paul Fenech ma kienx qiegħed iwettaq ix-xogħlijiet f'waqthom u mingħajr dewmien, li l-konvenut kellu raġuni tajba biex itemm l-appalt u jieqaf jgħaddi x-xogħol tal-injam lill-attur (ara *inter alia* ***Carmelo Attard v. Alfred Ċini et***, Appell Superjuri tad-29 ta' Novembru, 2013, ***Ogygia Enterprises Limited v. Adolph***

***Baldacchino et,*** Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-3 ta' Mejju, 2011 u ***Joseph Galea v. Joseph Vella***, Appell Superjuri tad-29 ta' Jannar, 2010);

77. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan, il-qorti qiegħda f'dan is-sens tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-konvenut Carmel Cortis filwaqt li tiċħad l-ewwel talba tal-attur Paul Fenech;

78. Kif ingħad qabel, il-fatt waħdu li l-konvenut Carmel Cortis kellu raġuni tajba biex itemm l-appalt ma jfissirx li huwa jinsab meħlus milli jħallas għax-xogħol li l-attur Paul Fenech wettaqlu u għall-ispejjeż li dan nefaq għall-benefiċċju tal-konvenut. Għalhekk, dak li trid tara l-qorti huwa jekk Paul Fenech ġiex imħallas mill-konvenut għax-xogħol kollu li huwa wettaq u għall-ispejjeż li huwa nefaq. L-attur jisħaq li huwa għad għandu jirċievi mingħand il-konvenut is-somma ta' €51,794.35, filwaqt li fuq ix-xaqliba l-oħra l-konvenut jgħid li huwa m'għandu jagħti xejn lill-attur għaliex huwa diġà ħallsu kull ma kellu jħallsu;

79. Skont il-prinċipji tal-liġi dwar l-evidenza u dwar kif għandu jitqassam il-piż tal-provi, jingħad fl-ewwel lok li jaqa' fuq il-kreditur li jagħti prova tajba biżżejjed tal-eżistenza tal-kreditu li dwaru huwa jkun fetaħ il-kawża (ara ***Carmelo Żammit et v. Emanuele Galea et***, Appell Superjuri, 27 ta' Frar, 2003 u ***Maria Stella Calleja v. Brian Deġiorġio***, Appell Superjuri, 17 ta' Marzu, 2022). Dan għaliex l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss lil min jallegah (ara l-**artikolu 562 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta**) u għalhekk sakemm l-attur ma jippruvax li l-konvenut huwa d-debitur tiegħu, il-piż tal-prova jibqa' mixħut fuq l-attur (ara ***Joseph Camilleri v. Emanuel Calleja***, Appell Inferjuri, 20 ta' Jannar, 2003). Tassew, jekk l-attur ma jirnexxilux jipprova dak li jallega, il-konvenut m'għandux ibati minn dan in-nuqqas, u dan sewwasew skont il-prinċipju *actore non probante reus absolvitur* (ara ***Angelo Xuereb nomine v. Godwin Migneco et nomine***, Appell Superjuri, 18 ta' Lulju, 2017);

80. Għalkemm il-grad ta' prova fi proċeduri ċivili mhuwiex wieħed tassattiv daqs dak mistenni fi proċeduri kriminali, b'daqshekk dan ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'saħħithom. Il-prova mistennija f'kawża ċivili ma tistax tkun sempliċi

suppożizzjoni jew konġettura, imma prova li tikkonvinċi lil min irid jagħmel il-ġudizzju (ara ***Nancy Caruana v. Odette Camilleri***, Appell Superjuri, 27 ta’ Frar, 2004 u ***Lambusa Maritime Company Limited v. Freightzone (Malta) Ltd***, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 1 ta’ Lulju, 2013);

81. Wara li l-attur jirnexxilu jressaq prova tal-kreditu dovut lilu, imbagħad ikun imiss lid-debitur li jġib prova li dak il-kreditu jew xi parti minnu tħallas (ara ***Manwel Żerafa v. Nazzareno Muscat Scerri***, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 5 ta’ Ottubru, 2017). Imma ġaladarba d-debitur jinvoka l-pagament, jaqa’ fuqu d-dmir li jipprova dan b’mod konvinċenti u deċiżiv (ara ***Emmanuele Bezzina v. Emmanuele Attard et***, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, 12 ta’ Diċembru, 1959, ***Joe Chetcuti et v. Joseph Pearson et nomine***, Appell Superjuri, 5 ta’ Ottubru, 1998, u ***John Grech v. Direttur tas-Sigurtà Soċjali***, Appell Inferjuri, 17 ta’ Ottubru, 2008);

82. Jinsab miżmum f’ġurisprudenza konsistenti li min jallega l-ħlas għandu jippruvah għas-sodisfazzjon tal-qorti. F’każ ta’ dubju u fin-nuqqas ta’ riċevuta għandha tirbaħ il-preżunzjoni li d-dejn ma jkunx tħallas (ara ***Rosario Spiteri v. Michele Mifsud***, Appell Superjuri, 30 ta’ Ottubru, 1953). Għalkemm huwa aċċettat fil-ġurisprudenza wkoll, li anke fin-nuqqas ta’ riċevuta, il-prova tal-ħlas tad-dejn tista’ ssir b'mezzi oħra, bħal dokumenti, xhieda, il-konfessjoni tal-kreditur u provi indiretti bħal ma huma preżunzjonijiet u indizzji li kapaċi jikkonvinċu lill-ġudikant (ara ***Angelo Scicluna v. John Scerri***, Appell Kummerċjali, 19 ta’ Novembru, 1951, ***Desmond Mizzi noe et v. Patrick Filletti pro et noe***, Appell Inferjuri, 28 ta’ Jannar, 2000 u ***Antoine Camilleri v. Jason Aquilina***, Appell Superjuri, 27 ta’ Marzu, 2020);

83. Huwa magħruf ukoll li l-ġudikant għandu juża d-diskrezzjoni tiegħu sabiex mill-provi miġjuba matul is-smigħ tal-kawża, huwa jqis dawk li l-provi li huma l-aktar kredibbli u xierqa sabiex jasal għall-konviċiment tiegħu. Fl-eżerċizzju ta’ din is-setgħa l-ġudikant jista’ jaċċetta x-xiehda ta’ xi wħud u jwarrab jew jiskarta oħrajn u jsejjes il-ġudizzju tiegħu fuq ċertu provi, aktar milli oħra. Dan huwa l-eżerċizzju tal-konvinċiment ħieles

tal-ġudikant (ara ***Carmela Galea v. LIDL Malta Limited***, Appell Superjuri, 1 ta' Diċembru, 2021);

84. Il-qorti tqis li bħal ma jiġri f'każijiet bħal dawn, il-verżjonijiet tal-partijiet, ikunu tabilfors miżgħuda b'doża qawwija ta' apprezzament suġġettiv ta' dak li jkun ġara. Il-qorti tifhem li kull parti jkollha t-tendenza li tpinġi lilha nnifisha bħala l-vittma u lill-parti l-oħra bħala l-ħatja. Huwa d-dmir tal-qorti li tgħarbel minn fost dawn il-verżjonijiet kollha u minn provi indipendenti li jistgħu jirriżultaw il-fatti essenzjali li jistgħu jgħinuha tasal biex issib x'kien li tassew ġara u kif imxew l-affarijiet (ara ***Edward Engerer v. Richard Attard et pro*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-27 ta' Settembru, 2019);

85. Kif ingħad aktar 'il fuq, fil-kamp ċivili l-piż probatorju mhuwiex dak ta' provi lil hinn mid-dubju raġonevoli (ara ***Emanuel Ellul et v. Anthony Busuttil***, Appell Inferjuri, 7 ta' Mejju, 2010). Iżda fejn ikun hemm verżjonijiet li dijametrikament ma jaqblux, u li t-tnejn jistgħu jkunu plawsibbli, il-prinċipju għandu jkun li tingħata preferenza lit-teżi tal-parti li kontra tagħha tkun saret l-allegazzjoni (ara ***Frank Ġiordmaina Mediċi et v. William Rizzo et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 28 ta' April, 2004, ***Alfred Galea et v. Albert Ellul et***, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 18 ta' April, 2007 u ***Chef Choice Limited v. Raymond Galea et***, Appell Superjuri, 27 ta' Ottubru, 2017);

86. Skont il-provi miġjuba f'din il-kawża, jidher li sal-5 ta' Frar, 2010, l-attur Paul Fenech kien wettaq xogħol tal-injam bil-valur ta' €97,133.43, li minnhom ġew imnaqqsa €1,712 minħabba xogħol li kien difettuż. B'hekk mill-provi jirriżulta li sa dik id-data l-attur Paul Fenech kien għamel b'<u>€95,421.43</u> bħala xogħol tal-injam lill-konvenut Carmel Cortis (ara l-affidavit ta' Ivan Carabott f'paġna 100 tal-atti tal-kawża, ir-rendikont iffirmat minn Ivan Carabott u Paul Vella f'paġna 101 tal-atti tal-kawża, ix-xiehda ta' Ivan Carabott f'paġni 160, 161 u 170 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Paul Vella f'paġna 365 tal-atti tal-kawża). Dan l-ammont ta' €95,421.43 f'xogħol tal-injam imwettaq minn Paul Fenech, huwa kkonfermat fir-rendikont datat 13 ta' Frar, 2010, li ġie mħejji minn bint l-attur, Roberta Fenech, li kienet tieħu ħsieb il-kontijiet ta' missierha (ara r-rendikont f'paġna

114 tal-atti tal-kawża u x-xiehda ta' Roberta Fenech f'paġni 132 u 133 tal-atti tal-kawża);

87. Mir-rendikont magħmul minn Roberta Fenech, hawn fuq imsemmi, l-attur kien tħallas billi ġew mgħoddija lilu l-*penthouse* u l-garaxx numru 3 fil-Mosta, u kif ukoll billi ġew imħallsa lilu fi flus kontanti: (i) €12,414.63 minn Carmelo Cortis; u (ii) €10,000 minn Ivan Carabott. Dan ir-rendikont jgħid ukoll li l-attur kien fadallu jirċievi €6,180.71 mingħand il-konvenut sabiex huwa jkun tħallas tax-xogħol li wettaq. Dan kollu huwa kkonfermat ukoll fir-rendikont iffirmat minn Ivan Carabott u Paul Vella (ara paġna 101 tal-atti tal-kawża);

88. Madankollu, għalkemm fir-rendikont imħejji minn Roberta Fenech, ġie mniżżel li l-*penthouse* hawn fuq imsemmija kienet ġiet trasferita lill-attur fit-18 ta' Frar, 2009, mill-atti jirriżulta li l-kuntratt tat-trasferiment tal-istess *penthouse* ġie ffirmat fis-17 ta' Frar, 2010, jiġifieri erbat ijiem wara li sar ir-rendikont hawn fuq imsemmi (ara l-kuntratt f'paġni 42 sa 54 tal-atti tal-kawża). Fuq dan il-kuntratt l-*penthouse* ngħatat il-valur ta' €128,100 u mhux il-valur ta' €60,563.71, li hemm imsemmi fir-rendikont imħejji minn Roberta Fenech li jinsab f'paġna 114 tal-atti tal-kawża;

89. Mill-atti jirriżulta wkoll li l-garaxx bin-numru 3 fil-Mosta, kien ġie mgħoddi lill-attur fl-4 ta' Settembru, 2008 u l-valur li dan ingħata fuq il-kuntratt kien dak ta' €13,976 (ara paġna 55 sa 63 tal-atti tal-kawża);

90. Dan ifisser, li sas-17 ta' Frar, 2010, l-attur Paul Fenech kien irċieva mingħand il-konvenut bħala ħlas, it-total ta' **€164,490.63** maqsum hekk: (i) €12,414.63 fi flus kontanti mingħand Carmel Cortis; (ii) €10,000 fi flus kontanti mingħand Ivan Carabott; (iii) il-garaxx numru 3 fil-Mosta bil-valur ta' €13,976; u (iv) il-*penthouse* fil-Mosta bil-valur ta' €128,100). Dan l-ammont li tħallas l-attur huwa ferm aktar minn dak ta' €95,421.43, li huwa l-valur tax-xogħol tal-injam li huwa wettaq lill-konvenut sat-13 ta' Frar, 2010;

91. Issa fix-xiehda tiegħu, l-attur Paul Fenech ikkonferma li l-ammont ta' €51,794.35, li huwa qiegħed jitlob f'din il-kawża mingħand il-konvenut Carmel Cortis, huwa bbażat fuq ir-rendikont ippreżentat minnu f'paġna 228 tal-atti tal-kawża (ara x-xiehda ta' Paul Fenech f'paġni 269 u 270 tal-atti tal-kawża). Għalhekk il-qorti jeħtiġilha tixtarr jekk wara t-13 ta' Frar, 2010 l-attur Paul Fenech kienx wettaq xi xogħlijiet oħra lill-konvenut;

92. Hawnhekk il-qorti ma tistax ma tinnutax li fir-rendikont imħejji mill-attur, li jinsab f'paġna 228 tal-atti tal-kawża, tniżżlu numru ta' ammonti li jirrappreżentaw fatturi li kienu diġà mdaħħla fir-rendikont ta' xogħlijiet magħmul minn bint l-attur, li jammonta għal €95,421.43, u li jinsab f'paġna 114 tal-atti tal-kawża. Dawn il-fatturi, *viz.* il-fatturi bin-numri 246, 247, 248, 249 u 251, li jammontaw għas-somma totali ta' €10,275.25, huma ripetuti fir-rendikont magħmul mill-attur li jinsab f'paġna 228 tal-atti tal-kawża, u għalhekk żgur ma jistax jingħad li dawn huma xogħlijiet ulterjuri li saru mill-attur wara t-13 ta' Frar, 2010. Hekk ukoll, qiegħed jiġi nnutat li l-bilanc ta' €6,180.71, li skont bint l-attur kien għadu pendenti mill-kont totali ta' 95,421.43 sat-13 ta' Frar, 2010, reġa' ġie ripetut fir-rendikont imħejji mill-attur f'paġna 228 tal-atti tal-kawża;

93. Jekk wieħed inaqqas l-ammonti ripetuti ta' €10,275.25 u ta' €6,180.71 mill-ammont totali ta' €51,794.35, li Paul Fenech qiegħed jitlob f'din il-kawża, jibqa' l-ammont ta' €35,338.39. Meta wieħed iżid dan l-ammont ta' €35,338.39 mal-ammont ta' €95,421.43 li jidher fir-rendikont ta' bint l-attur, wieħed jasal għaċ-ċifra ta' €130,759.82. Issa kif rajna aktar qabel f'paragrafu 90 ta' din is-sentenza, l-attur irċieva bħala ħlasijiet is-somma totali ta' €164,490.63. Jekk wieħed inaqqas €130,759.82 minn €164,490.93, jiġi li l-attur tħallas €33,730.81 aktar minn kemm kien ħaqqu. Tajjeb li jingħad ukoll, li anke jekk kieku wieħed kellu jqis għal darbtejn l-ammonti ta' €10,275.25 u ta' €6,180.71, li huma ripetuti fil-kont ta' bint l-attur u fil-kont tal-attur (€51,794.35 + €95,421.43 = €147,215.78), xorta jibqa' l-fatt li l-attur jibqa' minn fuq bi €17,274.85 (€164,490.93 - €147,215.78);

94. Ta' min jinnota li fir-rendikont imħejji minnu f'paġna 228 tal-atti tal-kawża, l-attur inkluda fis-somma ta' €51,794.35, li qiegħed jitlob mingħand il-konvenut, is-somma ta' €4,483 li

tħallset minnu fuq il-kuntratt tal-bejgħ tal-*penthouse* fil-Mosta magħmul fis-17 ta' Frar, 2010, bħala taxxa fuq id-dħul li fil-fatt kellha tiġi mħallsa minn Carmel Cortis bħala l-bejjiegħ li deher fuq dak l-att. Fl-affidavit tiegħu, Carmel Cortis saħaq li dan kien sar biss għaliex l-attur Paul Fenech kien sejjer jispiċċa jitħallas aktar milli kien imissu għax-xogħlijiet tal-injam li huwa wettaq (ara paġna 178 tal-atti tal-kawża). F'għajnejn il-qorti, b'mod speċjali fid-dawl tal-kalkoli hawn fuq magħmula, dan kien jagħmel sens għaliex mill-provi fil-fatt jirriżulta li l-attur tħallas aktar milli suppost għax-xogħol tal-injam li huwa wettaq lill-konvenut. Għalhekk, jgħid ħażin l-attur li huwa għandu d-dritt li jiġbor mingħand il-konvenut is-somma ta' €4,483;

95. Fuq kollox, li kieku wieħed kellu jqis il-provi li ressaq l-attur dwar il-bqija tal-ammonti li huwa qiegħed jitlob fir-rendikont ta' €51,794.35, magħmul minnu, li jinsab f'paġna 228 tal-atti tal-kawża, il-qorti jirriżultalha li hemm numru ta' xogħlijiet u spejjeż li baqgħu ma ġewx pruvati mill-attur. Hekk pereżempju l-attur ma ressaq l-ebda prova li huwa għamel €8,891.31 fi spejjeż biex jirranġa l-ħanut li jinsab f'Buġibba li kien għamel żmien fil-pussess tiegħu, u li fil-fatt huwa proprjetà tal-konvenut Camel Cortis;

96. Għalkemm f'paġna 245 tal-atti tal-kawża, jinsab rendikont ta' x'kienu dawn l-ispejjeż li wettaq l-attur f'dan il-ħanut, l-attur ma ressaq l-ebda prova tal-ħlas għall-flejjes li huwa nefaq. Il-qorti fiż-żgur ma tistax toqgħod fuq rendikont magħmul mill-attur li lanqas biss huwa maħluf. L-attur, seta', li kieku ried, iħarrek lill-persuni li mingħandhom xtara l-oġġetti msemmija fir-rendikont biex dawn jikkonfermaw bil-ġurament tagħhom li huma fil-fatt tħallsu mill-attur l-ammonti ndikati minnu. Iżda l-attur għażel li ma jagħmel xejn minn dan u għalhekk il-qorti ma tistax tqis din in-nefqa bħala pruvata;

97. Hekk ukoll, l-attur ma ressaq l-ebda prova tax-xogħlijiet li huwa wettaq fl-ammont ta' €7,121.01, li hemm imniżżla fir-rendikont tiegħu misjub f'paġna 228 tal-atti tal-kawża. Tabilħaqq, l-attur lanqas biss indenja jressaq fattura maħruġa f'isem il-konvenut biex imqar juri li dawn ix-xogħlijiet fil-fatt saru. Għalhekk, il-qorti qiegħda tqis li dan l-ammont ukoll ma ġiex pruvat;

98. Naturalment, dan l-eżerċizzju dwar il-provi li tressqu mill-attur fir-rigward tal-ammont sħiħ ta' €51,794.35, li huwa qiegħed jitlob mingħand il-konvenut, huwa eżerċizzju għalkollox inutili għaliex kif instab aktar 'il fuq f'paragrafu 93 ta' din is-sentenza, anke li kieku dan l-ammont kollu ġie ppruvat, xorta waħda jibqa' l-fatt li l-attur sarulu ħlasijiet li jkopru dan l-ammont ukoll;

99. F'dan il-kuntest, il-qorti tinnota wkoll li fuq il-kuntratti tal-4 ta' Settembru, 2008 u tas-17 ta' Frar, 2010, li permezz tagħhom ġew mgħoddija lill-attur il-garaxx u l-*penthouse* fil-Mosta rispettivament, ġew imniżżla bħala prezzijiet ta' dawn l-immobbli, valuri ferm differenti minn dawk indikati għal dawn iż-żewġ proprjetajiet fuq 'l hekk imsejjaħ ftehim li jinsab f'paġna 5 tal-atti tal-kawża. Tassew, fil-ftehim inkwistjoni ġie mniżżel li l-garaxx jiswa Lm13,000 (ekwivalenti għal €30,281.85) u li l-*penthouse* tiswa Lm33,000 (ekwivalenti għal €76,869.32), filwaqt li fil-kuntratti ta' bejgħ rispettivi, il-garaxx ingħata valur ta' €13,976 u l-*penthouse* ingħatat valur ta' €128,100;

100. Għalkemm ma ġie mressaq l-ebda argument f'dan is-sens mill-attur, wieħed jista' jargumenta li fil-kakoli ta' dak li tħallas lill-attur Paul Fenech wieħed ma jistax iqis l-ammonti ta' €13,976 u €128,100, li tniżżlu fuq il-kuntratti rispettivi, iżda l-ammonti ta' €30,281.85 u €76,869.32, li ġew maqbula bejn il-partijiet fil-ftehim li jinsab f'paġna 5 tal-atti tal-kawża;

101. Jekk wieħed iqis dawn l-aħħar l-ammonti hawn fuq imsemmija biex jasal għall-ammont totali li tħallas l-attur, jiġi li l-attur Paul Fenech tħallas is-somma komplessiva ta' €129,565.80 (€76,869.32 bħala l-valur tal-*penthouse* + €30,281.85 bħala l-valur tal-garaxx + €10,000 bħala l-ammont imħallas fi flus kontanti minn Ivan Carabott + €12,414.63 bħala l-ammont li tħallas fi flus kontanti minn Carmel Cortis);

102. Jekk minn dan l-ammont ta' €129,565.80 li tħallas l-attur, wieħed inaqqas l-ammont ta' €95,421.43, imsemmi fir-rendikont ta' bint l-attur, jiġi li l-attur jinsab minn fuq fl-ammont ta' €34,144.37. Dan ifisser li meta wieħed iqis dawn il-valuri taż-żewġ proprjetajiet

imsemmija, jiġi li l-attur tħallas żejjed l-ammont ta’ €34,144.37 għax-xogħol tal-injam li huwa wettaq lill-konvenut sat-13 ta’ Frar, 2010;

103. Issa aktar ‘il fuq f’paragrafu 93 ta’ din is-sentenza, il-qorti diġà sabet li jekk mill-ammont totali ta’ €51,794.35 li Paul Fenech qiegħed jitlob f’din il-kawża fir-rendikont tiegħu, wieħed inaqqas l-ammonti ta’ €10,275.25 u ta’ €6,180.71 li ġew ripetuti mir-rendikont ta’ bintu, l-ammont li jibqa’ huwa dak ta’ €35,338.39. Jiġi b’hekk, li bejn l-ammont ta’ €34,144.37, li l-attur tħallas żejjed sat-13 ta’ Frar, 2010, u l-ammont ta’ €35,338.39, li jista’ jitlob l-attur, wara li jiġu mnaqqsa l-entraturi ripetuti fil-kont ta’ bint l-attur u fil-kont tal-attur, hemm biss differenza ta’ €1,194.02. Huwa biss dan l-ammont ta’ €1,194.02 li mhuwiex kopert fil-ħlasijiet li ġew imwettqa lill-attur, u għalhekk huwa biss dan l-ammont li l-attur jista’ jgħid li huwa dovut lilu;

104. Madankollu, wieħed ma jridx jinsa li mit-total mitlub mill-attur fir-rendikont tiegħu misjub f’paġna 228 tal-atti tal-kawża, il-qorti diġà sabet li hemm numru ta’ xogħlijiet u spejjeż li baqgħu ma ġewx pruvati mill-attur, *viz.* l-ammonti ta’ €8,891.31 u €7,121.01. It-total ta’ dawn l-aħħar żewġ ammonti, li huwa dak ta’ €16,012.32, jiżboq bil-bosta s-somma ta’ €1,194.02 li setgħet kienet għadha dovut lill-attur;

105. B’hekk anke jekk jekk wieħed kellu jaħdem bil-valuri tal-postijiet skont kif indikati fil-biċċa karta li tinsab f’paġna 5 tal-atti tal-kawża minflok jaħdem bil-valur kif dawn iż-żewġ postijiet ġew stmati fil-kuntratti ta’ trasferiment tagħhom, xorta jibqa’ l-fatt li l-attur spiċċa tħallas żejjed it-total ta’ €14,818.35 (€16,012.32 – €1,194.02) għax-xogħlijiet u spejjeż li huwa għamel għall-benefiċċju tal-konvenut;

106. Għalhekk, tħares minn fejn tħares, il-qorti qiegħda tasal għall-konklużjoni li l-attur ma rnexxilux jipprova li huwa għandu jirċievi xi flejjes mingħand il-konvenut Carmel Cortis għaliex kull prova li huwa ressaq ġiet innewtralizzata mill-prova tal-ħlasijiet li ġew imwettqa lilu mill-konvenut;

107. Għaldaqstant, fid-dawl ta' dan kollu, il-qorti qiegħda tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu tal-konvenut filwaqt li tiċħad it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet tal-attur;

108. Illi fl-aħħar nett, dwar l-ispejjeż tal-kawża, il-qorti tqis li l-attur ħareġ tellief u għalhekk huwa ħaqqu jġorr l-ikbar sehem ta' responsabbilità tal-ispejjeż tal-kawża, fil-grad ta' żewġ terzi. Mill-banda l-oħra, il-qorti tħoss li l-konvenut ħaqqu jbati terz tal-ispejjeż kollha tal-kawża minħabba li huwa ressaq sensiela ta' eċċezzjonijiet preliminari fil-vojt li kollha ġew miċħuda;

***Deċiżjoni***

Għaldaqstant, għar-raġunijiet fuq imsemmija din il-qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

i. **<u>Tiċħad</u>** l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut Carmel Cortis għaliex ma kien hemm l-ebda ħtieġa li l-attur Paul Fenech iħallas lill-konvenut l-ispejjeż tal-kawżi li saru bejniethom qabel dan għadda biex fetaħ din il-kawża;

ii. **<u>Tiċħad</u>** it-tieni u t-tielet eċċezzjonijiet tal-konvenut Carmel Cortis għaliex il-qorti ma sabet xejn irritwali jew null bil-mod ta' kif tfassal ir-rikors maħluf;

iii. **<u>Tiċħad</u>** il-ħames eċċezzjoni tal-konvenut Carmel Cortis għaliex issib li dawn il-proċeduri jinsabu biżżejjed sħaħ bil-partijiet li jinsabu fihom;

iv. **<u>Tilqa'</u>** l-bqija tal-eċċezzjonijiet fil-mertu ta' Carmel Cortis safejn dawn jaqblu mal-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula; u

v. **<u>Tiċħad</u>** it-talbiet kollha tal-attur Paul Fenech peress li l-konvenut Carmel Cortis kellu raġuni tajba biex itemm l-appalt miftiehem bejniethom u kif ukoll minħabba li ma ġiex ippruvat li l-attur għandu jirċievi xi ħlasijiet oħra mingħand il-konvenut Carmel Cortis;

Fl-aħħar nett, għar-raġunijiet hawn fuq imfissra, il-qorti qiegħda **<u>tordna</u>** li l-ispejjeż kollha marbuta ma' din il-kawża għandhom jitħallsu hekk: żewġ terzi (2/3) mill-attur Paul Fenech u terz (1/3) mill-konvenut Carmel Cortis.

---

**Christian Falzon Scerri**
**Imħallef**

---

**Mary Josephine Musu**
**Deputat Reġistratur**